MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 295/2003

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Marzu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Awissu 1992 fil-Knisja ta' Ghajn Dwieli, Rahal Gdid u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied;

Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi;

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null *stante* li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' deskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjalli, kif ukoll b' anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi z-zwieg kien null billi l-kunsens tal-konvenut kien karpit b' simulazzjoni u bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' da parti tal-konvenut u li ghalhekk, minhabba x-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk iz-zwieg huwa null u serjament vizzjat *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (c), (d), (f)** u **(h) tal-Att dwar iz-Zwieg**;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fit-28 ta' Ottubru 1992 huwa null u bla effet ghar-ragunijiet imputtabbli lill-konvenut;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fil-24 ta' April 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet hamsin (50) gurnata lill-attrici biex tipprezenta l-provi kollha li tista' permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-attrici **A** datata 23 ta' Mejju 2003, a fol. 18 li permezz taghha pprezentat kopja originali ta' l-Att taz-Zwieg taghha ma' B.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 30 ta' Mejju a fol. 20 tal-process fejn eccepixxa illi:-

1. Illi *in linea* preliminari r-*res judicata* u dan *stante* sentezna definittiva mit-Tribunal Metropolitan ta' l-Arcidjocesi ta' Malta (Prot 98/74) (Rep No. 02.96) datata 30 ta' Ottubru 2002 fl-ismijiet (*Nullitatis Matrimonii Azzopardi-Spiteri);*

2. Illi fil-mertu, it-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha *stante* li mhux minnu illi z-zwieg huwa null u vizzjat *a tenur* ta' l-**artikolu 19 (1) (c), (d), (f) u (h) ta' l-Att dwar iz-Zwieg**;

3. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda a fol. 21 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datata 11 ta' Lulju 2003, a fol. 23, li permezz taghha pprezenta sentenza definittiva tat-Tribunal Metropolitan ta' l-Arcidjocesi ta' Malta (Prot 98/74) moghtija fit-30 ta' Settembru 2002 u pubblikata fit-18 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet *Nullitatis Matrimonii Azzopardi – Spiteri.*

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2003 fejn id-difensuri qablu li sa dakinhar is-sentenza tat-Tribunal Ekklesjastiku kienet ghadha ma gietx registrata fil-Qorti tal-Appell. Il-Qorti ordnat lill-partijiet jaghmlu nota t'osservazzjonijiet fuq l-ewwel eccezzjoni u pprefiggiet 30 gurnata lill-konvenut biex jipprezenta n-nota tieghu bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollha l-istess terminu ghan-nota.

Rat il-verbal datat 8 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota ta' A datata 6 ta' Frar 2004, a fol. 47.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Frar 2004, fejn il-Qorti sabet lill-konvenut hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u kkondanatu jhallas multa ta' Lm100 *stante* li l-Qorti avzatu biex ma jitkellimx u huwa njoraha kompletament.

Dr. Tanti Dougall infurmat lill-Qorti illi l-konvenut kien qed icempilha diversi drabi d-dar u fuq il-mobile taghha. Hija rrapurtatu lill-Pulizija u kienet ser tmexxi kriminalment. Il-Qorti ordnat komunika tal-verbal lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu l-passi kollha kriminali li hemm bzonn kontra l-konvenut u jinforma lill-Qorti x'passi jkunu ttiehdu.

Rat in-nota tal-konvenut datata 30 ta' April 2004, a fol. 49, li permezz taghha pprezenta d-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' April 2004 fejn tali decizjoni definittiva ta' l-imsemmi Tribunal Metropolitan ta' Malta tat-30 ta' Settembru 2002 li sostniet il-validita' taz-zwieg bejn l-partijiet odjerni celebrat fit-28 ta' Awissu 1992 gie ordnat li tigi resgistrata skond dak li jipprovdu l-**artikoli 23 u 24 dwar iz-Zwieg, Kap 255.**

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2004 fejn Dr. Ludvic Caruana ghall-konvenut **B** pprezenta nota ta' sottomissjonijiet b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti li ghandha 50 gurnata biex tirrispondi.

Rat in-nota tal-konvenut datata 18 ta' Mejju 2004 a fol. 54.

Rat ir-rikors tal-attrici A datat 2 ta' Lulju 2004, a fol. 57, fejn talbet estenzjoni tat-terminu biex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Rat id-digriet datat 5 ta' Lulju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba w estendiet iz-zmien sal-31 ta' Lulju 2004.

Rat in-nota tal-attrici datata 30 ta' Lulju 2004 minn fol. 59 sa fol. 63.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal datat 1 ta' Marzu 2005 fejn Dr Ludvic Caruana msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghall-31 ta' Mejju 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-kawza giet prezentata mill-attrici sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1)(c), (d), (f) u (h) tal-Kap.255.**

Illi l-konvenut preliminarjament eccepixxa r-*res judicata* minhabba sentenza definittiva moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta fit-30 ta’ Settembru 2002 liema decizjoni tinsab esebita a fol. 24 tal-process u referenza qed issir ghall-istess. F’din is-sentenza z-zwieg in kwistjoni gie dikjarat validu b’dan ghalhekk li t-talba ta’ l-attrici odjerna f’dik il-kawza ma gietx milqugha. Tali talba kienet ibbazata fuq Canon 1095, 2 u 3 tal-Kodici Kanonika u qed nitkellmu fuq principji legali li jgibu vizzju ta’ kunsens kemm abbazi ta’ *“lack of due discretion and inability to assume marital obligations in the terms of Canon 1095, 2 & 3…..”* elenkati fit-tielet pagna u paragrafi 5 u 6 ta’ l-istess decizjoni citata.

Illi hija din l-ewwel eccezzjoni ta’ *res judicata* li ser tigi deciza b’din is-sentenza u xejn izjed.

Illi dwar il-kuncett purament civili ta’ *res judicata* jinghad li kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b’kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita’ tas-sentenza (**“Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe,** App. Kumm, 10 ta’ Dicembru 1954).

Illi fis-sentenza **“Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et”** (P.A. (JRM) - Cit.Nru: 1792/1999/1 – 28 ta’ Marzu 2003) intqal :

*“Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta’ fatt izda hi wahda ta’ natura prettament guridika. Huwa importanti pero’, u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox*

*unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti……....”*

*“Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet* ***‘Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et’,*** *Appell Kummerc, 5 ta’ Novembru 1934:-*

*“L-exceptio rei judicatae ghandha bhala fundament il-fatt ta’ l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex ‘interest rei publicae ut sit finis litium’. Sentenza li ghaddiet ‘in giudicatio’, jigifieri li ma’ tista’ tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq -–'res judicata pro veritate habetur’ – jigifieri l-fundament ta’ l-‘actio’ u ta’ l-‘exceptio judicati’ hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija ‘strictissimae interpretationis”.*

Illi fis-sentenza **“Charles Cortis vs Francis X. Aquilina et”** (P.A. (JRM) - Cit.Nru: 766/2000/1 – 25 ta’ Settembru 2003) gie riaffermat li:-

*“Tlieta huma l-elementi li jmisshom jigu murija minn min iqanqal l-eccezzjoni biex din issehh. Dawn l-elementi huma l-istess oggett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu(eadem causa petendi). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est);”*

*Illi, kif inghad f’ghadd ta’ decizjonijiet, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares incertezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f’sentenza, li tbieghed il-possibilita’ ta’ decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita’ ta’ kwestjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat;*

*Illi minhabba fil-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta’*

*interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni12;*

*Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa mwiezen b'dak l-iehor daqstant ghaqli li, fejn kwestjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma ssir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-sentenza.13 Dan il-principju jissahhah meta l-kwestjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza;"*

*"Huwa tassew ovvju li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat ma' l-ezistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza"*

*"…gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-causa petendi fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat;"*

Illi *inoltre'* fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **"Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et"** (P.A. (P.S) 28 ta' Marzu 2003) gie soffermat li:-

*"Gie pero' insenjat ukoll 'illi sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat', (Appell Civili, 7 ta' Marzu 1958);*

*Fiha issokta jigi rilevat illi ‘l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b’cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet ‘effettivament’ deciza bis-sentenza ta’ qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza’”.*

Illi dawn huma kollha konferma ta’ gurisprudenza konstanti ta’ dawn il-Qrati, inkluz dak li gie *sottolineat* fis-sentenza **“Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited”** (P.A. (RCP) - Cit.Nru: 1209/00/RCP – 9 ta’ Jannar 2002) anke ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fejn intqal li din *“tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat”.*

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b’talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta’ talba gdida hu simili ghal ta’ decizjoni precedenti, din is-similarita’ mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta’ sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *“the cause of the claim”* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi l-Prof. Caruana Galizia f’**”Notes on Civil Law”** (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *“the title on which the demand is based”* . Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe’, l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta’ l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi

ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b’sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi dwar l-*eadem personae*, fis-sentenza fl-ismijiet **“Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia”** (P.A. 13 ta’ Frar 1958 – Vol. XLII.ii.917) il-Qorti qalet li *“biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta’ qabel kienet giet maqtugha f’kawza bejn l-istess persuni…”* Illi pero’ dan ma jfissirx li *“l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta’ persuna taghhom ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali”* **(“Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et” –** A.C. 2 ta’ Lulju 1996 – LXXX.ii.804**).**

Illi fl-ahharnett f’kull kaz, kif affermat fis-sentenza f’Vol. XXIX.i.1155, *“nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata.”*

Illi abbazi ta’ dawn il-principji kif enuncjati, jinghad li r-rekwizit ta’ *eadem personae* huwa sodisfatt *stante* li l-partijiet huma l-istess fiz-zewg proceduri. Anki l-*eadem res* huwa l-istess *stante* li fiz-zewg proceduri qed tintalab in-nullita’ taz-zwieg ikkontrattat mill-partijiet. Il-kwistjoni b’hekk tibqa’ dwar jekk ir-rekwizit ta’ l-*eadem causa petendi* hux sodisfatt ukoll.

Illi l-konvenut isostni li hu sodisfatt *stante* l-bazi ta’ nullita’ citati mill-attrici fil-kawza ekklezjastika u konsimili ghall-bazi ta’ nullita’ kontemplati fil-Ligi Maltija gew trattati direttament mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocezi ta’ Malta. Illi bazi ohra ta’ nullita’ ghalkemm mhux trattati direttament mit-Tribunal fis-sentenza, madankollu fil-mori tal-kawza tat-Tribunal ma giet skoperta bl-ebda xrara ta’ evidenza li b’xi mod indikat lill-Imhallef li kien qieghed jigbor il-provi li kien hemm xi ragunijiet ohra ghan-nullita’ a bazi ta’ xi dispozizzjonijiet ohra tal-ligi skond il-ligi Kanoniku tant illi kieku kien il-kaz it-Tribunal kien ukoll jezamina fil-mori tal-kawza, ir-ragunijiet il-godda.

Illi l-istess konvenut ikompli jghid li meta l-attrici pprezentat l-kawza s-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku ma kinitx ghadha giet registrata fl-Onorabbli Qorti tal-Appell skond id-disposizzjonijiet apposoti ta' l-istess **Kap 255** u din giet registrata biss fil-15 ta' April 2004 u dan ghaliex ir-rikors sar mill-konvenut biss fil-5 ta' Marzu 2004.

Illi din il-Qorti thoss li l-istess principji civili fil-kaz odjern ghandhom jigu applikati mhux biss fl-isfond tal-fatti tal-kaz, li necesarrjament ivarjaw minn kaz ghal l-iehor, izda wkoll abbazi ta' dak li jipprovdi specifikatament l-**artikolu 23 (2) tal-Kap 255** li jittratta dwar kazi ta' decizjonijiet tat-Tribunal Ekklesiastiku li kkonfermaw il-validita' taz-zwieg jew ma' laqghux it-talba sabiex l-istess zwieg partikolari jigi annullat.

Illi ghall-fini ta' dan il-kaz jigi rilevat li l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Awissu 1992 u ghalhekk qabel ma' l-**Att dwar iz-Zwieg** gie emendat sostanzjalment fl-1995 meta sar il-Ftehim bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta u kif inhuwa vigenti llum. Infatti l-**Kap.255**, kif nafuh illum, gie emendat u introduca proceduri godda fil-kamp taz-zwieg u f'kazijiet li parti jew ohra tkun trid tfittex dikjarazzjoni ta' nullita' ta' l-istess. Dawn l-emendi gew fis-sehh fil-15 ta' Mejju 1995.

Illi flimkien mal-Ftehim gie ffirmat ukoll it-Tieni Protokoll li jifforma parti integrali mill-Ftehim milhuq. Dan il-Protokoll jirrigwarda r-rikonoxximent tal-effetti civili ghal *negative decisions* moghtija mit-Tribunal Ekklezjastiku, cioe' dawk id-decizjonijiet li jikkonfermaw il-validita' taz-zwigijiet Kattolici. *Inoltre'*, il-Qrati Civili huma kkunsidrati mhux kompetenti biex jezaminaw kazijiet bhal dawn fuq l-istess bazi li diga' gew decizi mit-Tribunal Ekklezjastiku. Infatti hemm provdut fl-imsemmi Protokoll:

*"1. Judgements given by ecclesistical tribunals in cases of nullity upholding the validity of the marriage, which have not been appealed or which have been confirmed on appeal, including mutatis mutandis judgements in cases in terms of paragraph (b) subparagraph (1) of Article 6 of the*

*Agreement, are recognised for all purposes of law in Malta and shall be considered as res judicata and not subject to re-examination on th same grounds by the civil courts provided that the Court of Appeal ascertains what is laid down in paragraph (b) of Article 5 of the Agreement. It shall not in terms of Article 8 of the Agreement re-examine the merits of the case.*

*2. Whenever a plea for nullity of marriage is presented to the civil court, the judge is to scertain his competence, in terms of paragraph 1 of Article 4 of the Agreement and of Number 1 of this Protocol."*

Illi dan qed jinghad fl-isfond li qabel id-dhul fis-sehh ta' l-emendi tan-1995, id-decizjonijiet tat-Tribunal Ekklezjastiku ma kienux rikonoxxuti civilment u b'hekk koppja jekk kienu jottjenu dikjarazzjoni ta' nullita' mit-Tribunal Ekklezjastiku riedu jifthu wkoll kawza quddiem il-Qorti Civili. Mill-1995 is-sitwazzjoni nbiddlet u ghalkemm koppja, jekk jaqblu, jistghu jaghzlu li jmorru quddiem il-Qorti Civili, pero' ladarba wiehed jew wahda minnhom jaghzlu li jmorru quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku allura l-Qorti Civili (illum Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)) hija obbligata mill-**artikolu 30 tal-Kap.255** li tissoprassjedi.

Illi l-**Att dwar iz-Zwieg** jipprovdi wkoll ghal dawk iz-zwegijiet, bhall-kaz in kwistjoni, li gew celebrati qabel ma' sar il-Ftehim. L-**Artikolu 6 tal-Ftehim** jipprovdi:-

*"The provisions of articles 3 and 5 apply also*

*(a) to canonical marriages celebrated before the coming into force of this Agreement;"*

Illi fl-1995 gie introdott l-**artikolu 23 fil-Kap.255** li jipprovdi:-

***Artikolu 23 (1)*** *"Decizjoni li tkun saret ezekuttiva, moghtija minn tribunal, u li tiddikjara n-nullita' ta' zwieg kattoliku ghandha, meta parti wahda tkun domiciljata Malta jew tkun cittadin ta' Malta, u bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 24, tigi rikonoxxuta u mar-*

*registrazzjoni taghha skond l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet decizjoni minn qorti u li tkun saret res judicata".*

**Artikolu 23 (2)** *"Decizjoni li tkun saret ezekuttiva, moghtja minn tribunal, u li ssostni l-validita' ta' zwieg kattoliku ghandha, meta parti wahda tkun domiciljata Malta jew tkun cittadin ta' Malta, u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 24, tigi rionoxxuta u mar-registrazzjoni taghha skond l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet decizjoni minn qorti u li tkun saret res judicata u ghalhekk ma tkunx suggetta ghal ri-ezami fuq l-istess ragunijiet."*

Illi b'hekk jirrizulta li decizjonijiet tat-Tribunal Ekklezjastiku jigu rikonoxxuti u jipproducu effetti civili bhal kull sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta li ghaddew in gudikat, jekk:-

(i) huwa accertat li s-sentenza tat-Tribunal hi ezekuttiva; u
**(ii)** hija registrata skond kif stipulat fl-**artikolu 24.**

Illi infatti fit-tezi tieghu **"The Marriage Act, Amendments By Act 1 of 1995: A Workable Solution*?", Dr John Cremona*** jikkummenta hekk (f'pagna 63) :

*"It may have been noticed that subsections (1) and (2) of section 23 have slightly different wording. Section 23 (1) provides that an affirmative decision, i.e. one declaring the nullity of a Catholic marriage, is recognised by the civil authority and is <u>not</u> subject to re-examination, whether on different or identical grounds. On the other hand, section 23 (2) lays down that a negative judgment, i.e. one upholding the validity of a Catholic marriage, is also recognised by the State but is subject to re-examination on different grounds. This is so because :*

*'Sentenza negattiva taghmel stat bejn il-partijiet, pero'…dejjem abbazi ta' dawk ir-ragunijiet. Mela jekk hemm kawzali differenti ma jfissirx li tippregudika d-dritt li qiehed jerga' jfittex fuq kawzali differenti…diversi huma l-kawzali li jistghu jwasslu ghall-invalidita' taz-zwieg u l-fatt*

*li t-Tribunal Ekklezjastiku jkun ta sentenza negattiva – li jfisser li z-zwieg ghadu validu abbazi ta' dik il-kawzali li giet imqeghda quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku – ma jfissirx li m'hemmx lok li tista' tfittex ghall-invalidita' taz-zwieg fuq ragunijiet ohra. Mela allura res judicata in kwantu fil-parametri ta' dik id-domanda"* (mehuda mill-*Parliamentary Debates,* seduta 383 (24-1-95) **L-Onor. Prof. Guido de Marco**).

Illi l-ligi ma tipprovdix ghal terminu li fih decizjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku trid tkun registrata u hawnhekk issir referenza ghal dak li qal l-istess Onor. Professur Guido de Marco waqt id-Dibattiti Parlamentari [seduta 123 (5-4-93)] dwar dan u li jitfa' dawl ghall-kwistjoni odjerna wkoll:-

*"Is-sentenza tat-Tribunal Ekklezjastiku fiha nnifisha hija sentenza li sakemm tibqa' tat-Tribunal Ekklezjastiku torbot in foro coscientiae. Tibda torbot civilment meta tigi registrata. Issa jekk il-partijiet ghal ragunijiet taghhom ma jridux jirregistrawha, kuntenti huma, kuntent kulhadd. Voldieri ma narax in-necessita' ta' terminu."*

Illi ghalhekk f'dan l-istadju jista' jinghad li dan jista' ifisser li sakemm id-decizjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku moghtija fit-30 ta' Settembru 2002 ma kinitx ghadha giet registrata bil-mod indikat, din ma kellhiex effetti civili u b'hekk l-attrici setghet tipprezenta c-citazzjoni bit-talbiet attrici kif dedotti. Izda ladarba d-decizjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku giet registrata skond kif provdut mill-istess **Att dwar iz-Zwieg,** allura dik tigi sentenza daqslikieku inghatat mill-Qorti Civili u li tkun ghaddiet in gudikat.

Illi dan isehh anke bl-applikazzjoni tal-principju tal-*ius superveniens,* fis-sens li llum din il-Qorti trid tikkonsidra l-ewwel eccezzjoi sollevata mill-konvenut fil-kuntest tal-fatt li d-decizjoni citata tat-Tribunal Ekklesiastiku tinsab hekk bla dubju registratata abbazi tal-**Kap 255** u dan minkejja l-fatt li meta inghatat l-eccezzjoni mill-konvenut fit-30 ta' Mejju 2003 dan ma' kienx il-kaz.

Illi ma' hemm l-ebda dubju li ghal dan il-kaz, la darba l-istess decizjoni kkonfermat l-validita' taz-zwieg bejn il-

partijiet jew ahjar ma’ laqghatx it-talba tal-mara sabiex tali zwieg jigi ddikjarat bhala null fuq il-bazi tar-ragunijet imsemmija minnha, hawn wiehed qed jitkellem dwar l-applikabilita’ *o meno* ta’ l-**artikolu 23 (2) tal-Kap 255** u cioe’ meta d-decizjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku tkun wahda li ddikjarat li z-zwieg huwa validu fis-sens u fit-termini hawn spejgati.

Illi ma hemm l-ebda dubju li minn qari ta’ l-istess artikolu, li necssarjament wiehed irid jaghmel *stante* li *si tratta* ta’ procedura u materja li hija regolata bil-**Kap 255,** jidher car li l-principju ta’ dak li legalment u guridikament imsejjah *res judicata* huwa f’materji ta’ kawzi ta’ annullament taz-zwieg li fihom hemm il-kompetenza tat-Tribunal Ekklesiastiku u li ghalihom japplikaw id-disposizzjoni ta’ l-imsemmija **artikolu 23 (2) tal-Kap 255** hija biss fil-konfront ta’ dak li abbazi tieghu jkun iddecieda t-Tribunal Ekklezjastiku.

Illi fil-fatt l-istess **artikolu 23 (2)** jghid li decizjoni li *“ssostni l-validita’ ta’ zwieg kattoliku ghandha…………….ikollha effett daqslikieku kienet decizjoni minn qorti u li tkun saret res judicata u ghalhekk ma tkunx suggetta ghal ri-ezami fuq l-istess ragunijiet”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Illi mela ma’ hemm l-ebda dubju li l-kuncett ta’ *res judicata* fil-kaz kontemplat fl-**artikolu 23 (2) tal-Kap 255** gie wkoll spjegat u arginat b’mod mill-iktar esplicitu li ma’ jhalli l-ebda lok ta’ interpretazzjoni u dan ghaliex l-istess sub-artikolu jghid car u tond li tali decizjoni ta’ l-imsemmi tribunal ghandha tigi konsidrata bhala *res judicata,* u ghalhekk ma’ tistax tigi trattata u ri-ezaminata biss fuq l-istess ragunijiet li ovvjament gew trattati, sottomessi u kkunsidrati fl-istess decizjoni u mill-istess Tribunal.

Illi dan allura jfisser li minn semplici qari ta’ l-istess artikolu hawn citat ma hemm xejn x’izomm xi parti jew ohra milli tressaq it-talba taghha quddiem Qorti Civili basta tkun fuq kawzali differenti minn kif giet trattata u deciza mit-Tribunal Ekklezjastiku.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet attrici inkantu l-istess tghid li d-decizjoni tat-Tribunal Ekklesiastiku tat id-decizjoni taghha biss fuq il-bazi ta' l-azzjoni li hija stess resqet quddiem l-istess Tribunal u dawn kienu biss u limitati ghal dak li fl-istess sentenza huma deskritti bhala *" the conditions laid down in* ***Canon 1095(2) and (3)*** *have not been fulfilled and there is no indication that any grave form of pathology or personality disorder in Respondent (existed) at the time of his marriage…"* (a fol.19 tas-sentenza).

Illi l-**Kanoni 1095** jipprovdi s-segwenti:

*"The following are incapable of contracting marriage:*

*(i) those who lack sufficient use of reason;*
*(ii) those who suffer from a grave lack of discretion concerning the essential matrimonial rights and obligations to be mutually given and accepted;*
*(iii) those who, because of causes of a psycholigical nature, are unable to assume the essential obligations of marriage."*

Illi din il-Qorti thoss bla ebda dubju li l-istess decizjoni tat-Tribunal Ekklesiastiku tista' tigi kkonsidrata bhala *res judicata* biss in kwantu dik ikkonsidrat id-disposizzjoni tar-regola tal-Ligi **Kanonika kontenuta fil-paragrafu 1095 (2) u (3)** u xejn izjed. Certament li l-ebda raguni jew kawzali ohra ma' giet trattata fl-istess decizjoni u allura ma' hemm l-ebda dubju li diversi disposizjonijiet ta' **l-artikolu 19 (1)** imsemmija fic-citazzjoni attrici ma gew bl-ebda mod trattati u dan certament japplika ghall-**artikolu 19 (1) (c) (f) u (h) tal-Kap 255.**

Illi kuntrarjament ghal dak li pero' tghid l-attrici l-principju ta' *res judicata* kif indikat u anke arginat bid-disposizzjoni ta' l-**artikolu 23 (2) tal-Kap 255** japplika ghall-kazwali bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (d)** u dan ghaliex l-istess artikolu huwa bbazat fuq l-imsemmija **regola 1095 (2) u (3) tal-Ligi Kanonika.** B'hekk is-sentenza tat-Tribunal ghaddiet in gudikat u tikkostitwixxi *res judicata* pero' dan limitatament ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap.255.**

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi, billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fis-sens biss hawn deciz** b'dan illi tiddikjara li s-sentenza definittiva mit-Tribunal Metropolitan ta' l-Arcidjocesi ta' Malta (Prot 98/74) (Rep No. 02.96) fl-ismijiet premessi li kopja ta' l-istess hija esebita minn fol. 24 sa fol. 55 tal-process u li hija suggett tad-Digriet tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-15 ta' April 2004 li jinsab esebit bhala Dok. "X" a fol. 50 sa 52 tal-process, ma tikkostitwiex *res judicata* fil-konfront tac-citazzjoni attrici, in kwantu l-istess citazzjoni attrici hija bbazata fuq **l-artikolu 19 (1) (c), (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez riservati ghas-sentenza finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------